MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 651/2006

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Mary Doris Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mija u ghaxarLiri Maltin u  tmienja u erbghin centezmi (LM110.48)   rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici skond client contract number 1002320 in rigward ghal servizi mis-socjeta’ attrci u dana fix-xhur bejn Lulju 2005 u Dicembru 2005.

B-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Marzu, 2006 dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lil

banek relattiva ghall-imsemmi mandat u bl- imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut lli huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet' ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Peter Sammut fit-23 ta' Frar, 2007 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------